**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 5/2025**

**Patrick Mulholland**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**<u>Illum, 11 ta' Lulju, 2025</u>**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-isfidant **Patrick Mulhollanad** detenur tal-karta tal-identita' Maltija **405464M** minn sentenza li inghatat nhar it-Tlieta, 10 ta' Ġunju 2025 mill- Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ippreseduta mill- Magistrat Dr Nadine Sant Lia fl-inkwadratura ta' proċeduri relatati ma Sfida lill- Kummissarju tal-Pulizija fl-ismijiet sucitati.

Dan ir-rikors tal-appell ta' sfida ta' Patrick Mulholland, gie preżentat quddiem din il-Qorti nhar is-26 ta' Gunju 2025, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

i) Is-sentenza hawn fuq indikata għandha tiġi ddikjarata bħala nulla invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli u kwindi mingħajr ebda effetti konsegwenzjali fil-fatt

u fi dritt u dan ghar-raġunijiet legali u fattwali indikati u enfasizzati fil-korp fl-intier tiegħu ta' dan ir-Rikors tal-Appell odjern;

ii) Illi a bażi tal-Artikolu 419 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta is-sentenza hawn fuq indikata għandha formalment tiġi mhassra għar-raġunijiet legali u fattwali idikati u enfasizzati fil-korp fl-intier tiegħu ta' dan ir-Rikors tal-Appell odjern, anki fl-inkwadratura tal-Ewwel Talba kif hawn sottomessa mill-Appellanti;

iii) Illi fl-inkwadratura taż-żewġ Talbiet precedenti, l-Isfidant għandu jingħata l-opportunità mill-ġdid mingħajr ebda telf ta' xi drittijiet legali u fattwali skond il-liġi sabiex tali Sfida terġa' tinstema' mill-ġdid u tiġi korrettament evalwata a bażi tad-Dokumentazzjoni fattwali li ġiet esibita u mhux a bażi ta' opinjonijiet kif sfortunatament ibbażat id-Decide tagħha l-Ewwel Qorti kif ippreseduta;

iv) Illi ovvjament b' referenza għat-Talba precedenti (iii), għandhom jiġu enforzati l-prinċipji bażiċi tal- *audi alteram partem* u li il-ġustizzja mhux biss trid issir, imma tidher li qed issir: żewġ prinċipji fundamentali li l-Ewwel Qorti tidher li injorat għal kollox speċjalment meta għamlet asserzjonijiet li bl-ebda mod ma ġew sostanzjati fil-mori ta' din l-Isfida;

v) Illi strettament mingħajr ebda preġudizzju għat-Talbiet tal-Isfidant, hawn fuq indikati, din I-Onorabbli Qorti tal-Appell għandha tiddetermina jekk hekk jidrilha li hemm lok II tali Sfida tintlaqa' u li tagħżel li tisma' u tevalwa evidenza rilevanti li rriżultaw mill-Atti Proċesswali u mhux kif għamlet il-Qorti tal-Maġistrati li waslet għall-konklużjonijiet li bl-ebda mod ma kienu jiffurmaw parti mill-Provi imma li I-Ewwel Qorti għażlet b' mod preġudikanti għall-Isfidant li tiddeċiedi fuqhom, kif muri fil-korp ta' dan l-Appell;

vi) Illi II-Qorti tal-Appell għandha tfisser bl-iktar mod speċifiku I-kriterji legali u fattwali li jinkwadraw l-elementi għal Sfida lill-Kummissarju tal-Pulizija, partikularment l-implikazzjoni tal-frażi *prima facie* u jekk l-Ewwel Qorti għandix

tassumi rwol ta' Investigatur, Prosekutur u Ġudikant kif għamlet I-Ewwel Qorti ii effettivament waslet biex l-Isfidant jiġi ingustament preġudikat mill-Ewwel Qorti kif ippresedut.

**Il-Fatti fil-Qosor**

Illi l-Appellanti ghamel proċeduri ta' Sfida fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija a bażi ta' Artikolu 541 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien ilu persistentement ghal tlett snin shah jibghat diversi komuniki rreġistrati, kollha debitament notifikati, biex l-istess Kummissarju jiehu passi legali fil-konfront tal-ex mara tal-isfidant, Simonette Mulholland (li minnha l-isfidant issa huwa formalment iddivorzjat certifikat tal-Identità numru 450/2024) u ta' persuni oħra li kienu kompliċi magħha, cioè il-Kap tat-Taqsima Legali tal-ARMS Ltd., I-avukat Dr Noel Bezzina, is-Segretarju Uffiċjali tas-Soċjetà kummerċjali tal-ARMS Ltd., impjegata tal-ARMS Leanne Sultana, u l-avukat Dr Chris Frendo li huwa l-ħames avukat li ingaggat professjonalment Simonette Mulholland. II-hames persuni akkużati, kif indikati fis-Sentenza tal-Ewwel Qorti, wettqu kategorikament u esplicitament reati li jmorru kontra provedimenti tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li ġew indikati b' mod esplicitu lill-Ewwel Qorti (anki fuq talba tal-istess Qorti lill-istess Sfidant), li jinkludu lill-avukati Dr Noel Bezzina u Dr Chris Frendo bhala uffiċjali pubbliċi li abbużaw professjonalment mill-pożizzjoni tagħhom u kisru obbligi u doveri professjonali li huma marbuta mal-kariga rispettiva tagħhom.

L-Isfidant Patrick Mulholland ipprovda lill-Ewwel Qorti fl-udjenza tad-dsatax (19) ta' Frar 2024 [a fol 161 tal-Atti Proċesswali) Dokumentazzjoni kopjuża w dettaljata li ma kellhiex thalli ebda dubju fil-moħħ tal-Qorti kif ippresedut dwar il-mod professjonali u serju li l-Appellanti Sfidant Patrick Mulholland wettaq biex ripetutivament u regolarment f'perjodu ta' tlett (3) snin, kif indikat, jinnotifika lill-Kummissarju tal-Pulizija (I-Isfidat) (u Uffiċjali oħra għolja fil-Korp) ħalli jieħu passi b'urgenza fir-rigward tal-hames persuni ndikati.

Din il-Proċedura l-istess Kummissarju tal-Pulizija naqas kjarament milli jattwa minkejja dak li jispeċifika I-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali: vide Dok PM4 (file Orangjo) fl-Atti Proċesswali li jforni u jagħti stampa li ma tistax tiġi kontestata bl-ebda mod dwar l-isforzi kontinwi li għamel I-Isfidant biex il-Kummissarju tal-Pulizija jwettaq dmiru. II-Kummissarju tal-Pulizija kien qed jiġi regolarment mitlub mill-Isfidant biex jinvestiga dawn il-ħames (5) persuni indikati a bażi tal-Artikoli tal-Liġi li huma dettaljatament imfissra fin-Nota datata 6 ta' Novembru 2023, debitament mahlufa mill-Isfidant, proċedura li l-Kummissarju tal-Pulizija baqa' qatt ma għamel billi verbalment tramite |-Uffiċjali tiegħu sostna illi din kienet kwistjoni ċivili u mhux waħda kriminali li ma kien qatt il-każ.

Huwa ippruvat li kien hemm Proċeduri fil-Qorti Civili: Sezzjoni tal-Familja bejn l-Isfidant u l-ex mara tiegħu, proċeduri li ġew inizjati fis-sena 2013 u fl-inkwadratura ta' bosta seduti, udjenzi u spejjeż, inkluż Appell u Ritrattazzjoni, li raw il-konklużjoni definittiva tagħhom sa dan l-istadju f'jum il-Ħamis 26 ta' Ġunju 2025, meta ingħatat is-Sentenza mill-Qorti tal-Appell f livell ta' Ritrattazzjoni.

Biss jirriżulta ċar illi fl-inkwadratura li Simonette Mulholland ma gabet ebda provi u fil-fatt hija saħansitra ġiet misjuba hatja retroattivament mis-sena 2012 fit-tlett (3) Sentenzi Civili li ingħataw [vide is-Sentenzi (i) tal-Qorti Civili: Sezzjoni tal-Familja datata 20 ta' Ottubru 2022; (ii) tal-Qorti tal-Appell Superjuri Ċivili datata l- Ħamis 14 ta' Novembru 2024; u (iii) ir-Ritrattazzjoni: Qorti tal-Appell Superjuri Civili datata l-Ħamis 26 ta' Ġunju 2025) fir-rigward ta' Artikolu 48 tal-Kodiċi Civili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

F'dan il-kuntest ir-Rikors malizzjuż intavolat minn Simonette Mulholland (tramite I-hames avukat tagħha, l-akkużat Dr Chris Frendo) nhar is-26 ta' Awwissu 2020 (vide l-Atti Proċesswali a fol 142 u 143) ma għandu ebda bażi legali minkejja l-fatt illi deċiżjoni aħħarija dwaru baqgħet ma ingħatatx la mill-Ewwel Qorti, la mill-Qorti tal-Appell imma ġiet deċiża fl-istadju tar-Ritrattazzjoni.

Allura d-domanda hija sempliċi: kif s-Sentenza li qed tiġi appellata tal-10 ta' Ġunju 2025 seta' kien fiha konklużjonijiet bla ebda bażi legali bħal ma nsibu f paġni 29 u 30 fejn l-Ewwel Qorti tenniet li l-Isfidant ma kienx appella mid-Digriet tal-Ewwel Qorti Civili tas-17 ta' Settembru 2020, meta dan il-kumment kien wieħed totalment erratiku għax l-Isfidant kien effettivament talab ir-revoka contrario imperii tad-Digriet tas-17 ta' Settembru 2020 permezz ta' Rikors ieħor intavolat nhar it-22 ta' Settembru 2020, Rikors li ġie deċiż fil-Proċedura Legali ta' Ritrattazzjoni f' jum il-Ħamis 26 ta' Ġunju 2025. Allura kif l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni totalment infondata kemm legalment kif ukoll fattwalment, u bniet konklużjonijiet mhux biss li huma żbaljati imma totalment skorretti.

Oltre tghaddi biex tagħti sentenza mibnija fuq ineżattezzi u li ma kellhom x' jaqsmu xejn mal-kuncett tal-Isfida Legali a bażi ta' Artikolu 541 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa possibbli li l-Ewwel Qorti ma ndunatx li fid-Dokument PM4, u cioè il-File Orangjo, preċiżament fl-ewwel dokument fih Dok Com 1, paġna 10, paragrafu 8, fejn hemm espressament indikat "*..f' jum it-Tlieta 22 ta' Settembru, 2020, ma l-ewwel opportunità kif reġa' fetah il-Qorti ġie ippreżentat Rikors b' urgenza biex jiġi revokat Contrario Imperii d-Digriet in camera fuq indikat tas- 17 ta' Settembru, 2020.*" Jista' ikun li id-Dokument PM4 bid-diversi dokumenti fih sfuġġa għal kollox lill-Ewwel Qorti?

Tajjeb ukoll li ssir referenza għad-depożizzjoni tal-Isfidant (li għaliha ma saret ebda referenza fil-Verbal tal-Ewwel Qorti datat 19 ta' Frar 2024), fejn fil-qosor minn fuq il-pedana f'Awla 25, Patrick Mulholland fisser lill-Ewwel Qorti r-raġunijiet għala kien kostrett jissottometti din l-Isfida. Jerġa' jiġi ripetut li din id-depożizzjoni tal-Isfidant ma saret l-ebda referenza għaliha fl-udjenza tat-19 ta' Frar 2024.

Din id-depożizzjoni tal-Isfidant hija emfatikament importanti: vide a fol 162 sa 202 tal-Atti Processwali, u kien fuq din id-Depożizzjoni kif ukoll id-Dokument PM4 suriferit li l-Onorabbli l-Ewwel Qorti kellha tiffoka biex tiddetermina jekk kienx hemm lok ta' Sfida lill-Kummissarju tal-Pulizija jew le skond il-Liġi. Invece l-Ewwel Qorti iffukat biss fuq l-Artikoli tal-Kodiċi Kriminali li kienet ordnat lill-Isfidant biex jindika taht

liema Artikoli huwa kien qed jibbaża l-Akkużi tiegħu fir-rigward tal-hames (5) persuni li ġew indikati, u b'hekk l-Ewwel Qorti żvijjat lilha nnifisha mill-objettiv legali skond il-liġi tal-Isfida.

Invece l-Ewwel Qorti kellha tiddeċiedi esklussivament jekk prima facie kienx hemm bażi suffiċjenti ta' ragunar legali li a bażi tiegħu l-Kummissarju tal-Pulizija kellu jaġixxi u kwindi I-Ewwel Qorti kellha tilqa' pożittivament it-Talba tal-Isfidant relatata mal-Isfida lill-Kummissarju tal-Pulizija, u sa hemmhekk kellha tieqaf I-Ewwel Qorti u mhux toħroġ mill-ambitu tagħha u tikkummenta jekk l-Artikoli li l-Isfidant ġie ordnat li jiżvela li kien sejjer jutilizza fir-rigward tal-hames akkużati kienux idoneji biex il-Kummissarju tal-Pulizija ikun jista' joħroġ l-akkużi kontra dawn il-ħames persuni.

Prima facie irriżulta manifestament li kien hemm bażi biex l-Isfida tiġi milqugħa. Dan I-Ewwel Qorti ma ghamlitux u per konsegwenza ċaħdet it-Talba għall-Isfida li hija raison d'être għala l-Isfidant kellu jirrikorri għal dan l-Appell odjern.

Illi fid-Decide tagħha I-Ewwel Qorti ċahdet it-Talba tal-Isfidant u iddeċidiet 'li ma hemmx *prima facie* lok ghall-kwerela mertu ta' dan il-każ' għax deherilha li l-Artikoli tal-Kodici Kriminali indikati mill-Isfidant fir-rigward tal-akkużi li jrid iġib kontra l-persuni indikati minnu skond il-Liġi Kriminali ma kellhomx bażi li jimmerita li l-Isfida kellha tintlaqa'. Dan mingħajr ma gġustifikat din il-konklużjoni legalment erratikament żbaljata tal-Ewwel Qorti li kellha tiffoka biss fuq il-kontenut tal-Artikolu 541 tal-Kapitolu 9 u tara jekk mid-Dokumentazzjoni intavolata bħala prova mill-Isfidant kienx hemm prima facie ĉirkustanzi li ma jhallu ebda dubju li l-Isfida kellha tintlaqa'.

Illi fir-Rikors Promotur tiegħu, I-Isfidant għamilha cara li kien qed jibbaża t-Talba tiegħu fuq l-Artikolu 541(1) u s-subartikoli li jsegwu tal-Kodiĉi Kriminali għaliex ripetutivament I-Isfidant wera' (hawn terga ssir referenza għad-Dokument PM4 File Orangjo) in-numru ta' drabi li kkomunika mal-Kummissarju tal-Pulizija w Uffiċjali oħra tal-Korp, inkluż laqgħat personali li kien hemm fid-Depot tal-Pulizija, fl-Għassa

tal-Ħamrun, fl-Ghassa tal-Mosta u anki fl-istess Qorti Awla 14, kommuniki li kollha ġew bi provi notifikati, u nonostante dan kollu, il-Kummissarju baqa' deliberatament ma ha ebda passi legali, sitwazzjoni li preġudikat serjament lill-Isfidant.

Dan hu li l-Ewwel Qorti kellha tindaga u mhux tidħol fil-mertu tal-Artikoli fil-Liġi Kriminali li l-Isfidant kien fi ħsiebu jutilizza kontra l-ħames (5) persuni indikati, imbagħad tiġġudika fuq dawk l-Artikoli (mingħajr ma semghet ebda provi dwar dan) u tiddikjara li fil-fehma tagħha, mingħajr ma tagħti ebda raġunijiet la fattwali u lanqas legali, ma kienx hemm lok li tilqa' t-Talba għall-Isfida.

Illi qabel ngħaddu għall-Aggravji fit-tieni parti ta' dan l-Appell, ma hemm ebda dubju illi fl-inkwadratura ta' dak li ġie espost hawn fuq bhala Fatti fil-Qosor, hemm *Prima Facie* lok biex din il-Qorti tilqa' t-Talbiet tar-Rikorrenti Esponenti u tordna li jitmexxew dawn il-Proċeduri fuq il-prinċipju tal-Ġustizzja Naturali li (i) I-Ġustizzja mhux biss trid issir, imma tidher li qegħda ssir, billi (ii) kull naħa tingħata d-dritt li tinstema' u tressaq il-provi tagħha.

**<u>Ir-Ragunijiet tal-Appell – Aggravji</u>**

Illi fl-inkwadratura tal-FATTI FIL-QOSOR kif għadhom kif gew esposti u konfermati bil- gurament mill-Isfidant Patrick Mulholland, jirriżultaw manifestament is-segwenti AGGRAVII.

IIIi L-EWWEL AGGRAVJU jirrigwarda l-fatt II I-Ewwel Qorti ma ffukatx fuq l-ingredjenti meħtieġa li riedu jigu meqjusa fir-rigward tal-Artikolu 541 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirriżulta car illi filwaqt li l-Ewwel Qorti irriproduċiet in toto ir-Rikors Promotur tal-Isfidant fis-Sentenza Appellata minn pagna 2 sa paġna 9 (u cioe tmien paġni), u hawn partikularment issir referenza għal paragrafu hamsa (5) pagna tlieta (3) tas- Sentenza Appellata, għall-paragrafu seba' (7) f'pagna erba' (4), u għall-paragrafu tmienja (8) f paġni erba' (4) u hamsa (5), jibqa' Il-fatt II I-Ewwel Qorti kellha tikkonċentra u tidderieġi lilha nnifisha kif hemm inkwadrat f'paragrafu tlettax (13),

paġna sitta (6) u seba' (7) tas-Sentenza Appellata. Dan I-Ewwel Qorti ma għamlitux u għalhekk dan huwa L-EWWEL AGGRAVJU.

L-Ewwel Qorti kellha quddiema L-FATTI FIL-QOSOR ikkonfermati bil-ġurament mill- Isfidant kif naqrawhom minn paragrafu erbatax (14) sa paragrafu dsatax (19), f'pagni seba' (7) u tmienja (8) tas-Sentenza Appellata: din kienet il-linja gwida li l-Ewwel Qorti kellha tixtarr u id-Dokument PM4 (File Orangjo) fl-Atti Proċesswali ikkonfermaw dan kollu.

Ma kienx il-kompitu tal-Ewwel Qorti li titlob lill-Isfidant biex jindikala permezz ta' Nota I-Artikoli fil-Kodici Kriminali li fuqhom kien qed jibbaża l-akkużi fil-konfront tal-hames (5) persuni indikati, u cioè Simonette Mulholland, Dr Noel Bezzina, Ms Leanne Sultana, rappreżentant legali tal-ARMS Ltd. u Dr Chris Frendo.

L-Ewwel Qorti kellha toqgħod fuq il-fatti guramentati u dokumentati tal-Isfidant, tifli u tixtarr jekk il-Kummissarju tal-Pulizija għamilx dmiru jew le a bażi ta' Artikolu 541 tal- Kodiċi Kriminall, tiddetermina u tiddeċiedi jekk prima facie kienx hemmx każ ta' Sfida fir-rigward tal-Kummissarju tal-Pulizija. Dan kien il-kompitu tal-Ewwel Qorti, II kellha tagħti d-deċiżjoni tagħha a bażi ta' paragrafu għoxrin (20) u s-sitt (6) Talblet sottomessi mill-Isfidant fir-Rikors Promotur tiegħu datat 2 ta' Ġunju 2023.

L-Ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tmur oltre dawn il-parametri u tordna lill-Isfidant biex permezz ta' Nota jindikala liema kienu dawk l-Artikoli fil-Kodiċi Kriminali li a bażi tagħhom l-Isfidant ried iressaq l-akkużi kontra l-ħames (5) persuni indikati. L-Isfidant forna lill-Ewwel Qorti Nota dettaljata datata it-Tnejn 6 ta' Novembru 2023, a fol. 40 sa 48 tal-Atti Proċesswali, bl-intiża biss li jindika lill-Ewwel Qorti li dan ma kienx xi eżerċizzju ta' vendikazzjoni personali fil-konfront ta' dawn Il-ħames individwi. L-Isfida kienet li l-Kummissarju tal-Pulizija ma hax passi biex jindaga dwar dan l-abbuż u ksur serju imwettaq minn ağır kriminali fl-Inkwadratura ta' dawn il-ħames persuni li flangrantament kienu kisru diversi Artikoli tal-Kodiċi Kriminali, kif

propju indikat fin- Nota tal-Isfidant datata t-Tnejn 6 ta' Novembru 2023, jiġifieri iktar minn ħames xhur wara li kien ġie Intavolat ir-Rikors Promotur.

L-Ewwel Qorti kellha tieqaf hemm u mhux tindaga mingħajr ma tisma' ebda provi, jekk l-Artikoll li l-Isfidant indika fin-Nota tiegħu klenux jiġġustifikaw jew le jekk kellix tintlaqa' l-Isfida kontra l-Kummissarju tal-Pulizija.

Dan ifisser li l-Ewwel Qorti għamlitha ta' Investigatur, Prosekutur u Ġudikant fuq materja li ma kienitx fil-parametri tal-Ġurisdizzjoni tagħha li tiddetermina minkejja l-fatt illi biex isserrah lilha nnifisha, I-Ewwel Qorti baqgħet ripetutivament tenfasizza fil- korp tas-Sentenza li hija wkoll kellha l-funzjoni ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Dan forsi biex tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha li fil-fehma tal-Ewwel Qorti, mingħajr ma instemgħu ebda provi (oltragg fih innifsu kontra l-amministrazzjoni tal-Ġustizzja) I- Artikoli Indikati mill-Isfidant ma kellhomx bażi li l-Ewwel Qorti tilqa' it-Talbiet tal-Isfidant?

Mela I-Ewwel Aggravju jiffoka fuq il-fatt li l-Ewwel Qorti ma ikkonċentratx jekk in-nuqqasijiet evidenti tal-Kummissarju tal-Pulizija kissrux il-Liġi kif speċifikata f Artikolu 541 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Kummissarju kien ripetutivament notifikat bil- fatti konkreti u dokumentati li seħħew, li fihom infushom kienu jiksru l-Liġi, u l-persuni involuti fil-ksur tal-Liġi partikularment fil-parametri tal-Kodici Kriminali.

L-Ewwel Qorti kellha teżamina u tifli l-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali w tiddetermina fuqu biss jekk kienx hemm bażi legali fl-inkwadratura tal-provi prodotti da parti tal- Isfidant biex tali Sfida tintlaqa'.

Minflok, Il-Qorti tal-Maġistrati kif ippreseduta ibbażat id-Decide tagħha fuq in-Nota ordnata minnha li ppreżenta I-Isfidant dwar l-Artikoli fil-Liġi li fil-fehma tal-Isfidant kellhom ikunu l-bażi tal-akkużi li kellhom jinħarġu kontra l-ħames persuni akkużati, u erronijament l-Ewwel Qorti ikkonkludiet mhux dwar l-Isfida imma li fil-fehma

tagħha l- Artikoli indikati mill-Isfidant fin-Nota datata t-Tnejn 6 ta' Novembru 2023, ma kienux jimmeritaw li ssir xi Sfida lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant skorrettament u erratikament I-Ewwel Qorti iddeterminat ħażin, iddeċidiet 'l hinn mill-ġurisdizzjoni tagħha u waslet għal konklużjoni żbaljata li fissret inġustizzja kbira fi-rigward tal-Isfidant.

Dan jerġa' jiġi ripetut meta l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-ġurisdizzjoni li tidħol fil-mertu tal-akkużi li l-Isfidant ried iressaq kontra l-akkużati imma li tindaga jekk il-Kummissarju tal-Pulizija għamilx dmiru jew le meta f' perjodu ta' tlett snin u b' katina shiha ta' notifiki pożittivi dan naqas milli jieħu xi forma ta' passi kontra l-ħames persuni indikati w akkużati.

Dan kien I-EWWEL AGGRAVJU.

Illi dwar it-TIENI AGGRAVJU dan jiffoka fuq il-fatt Illi kemm il-Prosekuzzjoni u daqstant I-Ewwel Qorti, jidher Illi jew intenzjonalment in mala fede jew għax ma flewx sewwa jekk il-Fatti ta' min fornihom u eventwalment Iddetta jew kiteb ir-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija, minn a fol 10 sa a fol 12 tas-Sentenza Appellata, jekk dawn il- fatti kienux korretti u vero simili.

Din kienet it-teżi li l-Pulizija, għax ġew żvijati minn min kellu interess, riedu jippruvaw jenfasizzaw II I-materja in kwistjoni kienet ta' natura civili u mhux waħda kriminali. L- Isfidant għamilha cara ripetutivament II I-Isfida tiegħu kif imfisser f dan I-Appell ma kellha x taqsam xejn mal-Kawża Civili li Patrick Mulholland kien intavola kontra Simonette Mulholland nhar 1-20 ta' Mejju 2013, u kellha tiġi deċiża u determinata P taqsimiet partikolari tagħha tramite I-Proċedura ta' Ritrattazzjoni, tnax-il sena u xhar wara, u cioè P Jum il-Ħamis 26 ta' Ġunju 2025, mill-Qorti tal-Appell, Sede Ritrattazzjoni, ippresedut mis-Sinjorija tiegħu l-Prim Imħallef u L-Onorevoli Imħallfin Christian Falzon Scerri u Josette Demicoli.

Kien konvenjentissimu li l-Prosekuzzjoni kif mitmugħa minn naħa tal-Appellata kif iggwidata, taghfas fuq id-Digriet tal-Qorti Civili: Sezzjoni tal-Familja datat 17 ta' Settembru 2020 fejn l-Isfidant ġie ordnat jallontana ruħu mil-kumpless matrimonjali (dar Konjugali, partijiet komuni tal-blokka ta' appartamenti, u l-garaxx sotterran) mingħajr ma I-Prosekuzzjoni indikat li l-Isfidant kien talab għar-revoka ta' dan id-Digriet, u ma kien hemm ebda deċiżjoni dwaru propju sa jum il-Ħamis, 26 ta' Ġunju 2025 u cioè s-Sentenza mill-Qorti tal-Appell [Proċedura Ritrattazzjoni].

Hawnhekk jidher ċar kif anki I-Qorti tal-Magistrati (Sfidi lill-Kummissarju tal-Pulizija) ġiet manipulata għax lill-Isfidant qisha tennietlu li huwa żbalja meta ma Appellax mid- Digriet tas-17 ta' Settembru 2020, meta dan ma kienx il-każ kif imfisser fil-paragrafu precedenti. Dan jindika li anki I-Ewwel Qorti qisha belgħet il-lixka tal-Prosekuzzjoni li din kienet iktar materja Civili milli waħda kriminali.

Il-kwistjoni tal-Isfida sollevata mill-Isfidant ma kellha x' taqsam xejn ma dak id-Digriet. Kellha x taqsam mal-fatt li l-Kap tat-Taqsima Legali tal-ARMS Ltd, I-avukat Dr Noel Bezzina, ħa l-inizzjattiva personalment u bl-għajnuna tal-uffiċjal tal-ARMS Leanne Sultana, ħallew lill-Simonette Mulholland tiffirma dokument li ħejjewlha l-istess uffiċjali tal-ARMS, fejn Simonette Mulholland iffirmat li hi kienet il-propjetarja assoluta tal-kumpless matrimonjali fl-Imtarfa u cioè Blokk B, Flat 6, Binja l-Marg, Triq Sir Leslie Rundle, Mtarfa.

Ovvjament dan ma kienx il-każ u a bażi ta' din l-istqarrija qarrieqa, fatt li kienu jafuh bl- iktar mod kategoriku Dr Chris Frendo, Dr Noel Bezzina, Leanne Sultana, id-Diretturi tal- ARMS Ltd u ovvjament Simonette Mulholland, Simonette Mulholland inqalbulha l- meters fuq isimha mingħajr il-kunsens tal-Isfidant Ii I-meters kienu fuq ismu u meta l- Isfidant kien bagħat komunikazzjonijiet uffiċjali IIII-ARMS Ltd, lil Dr Noel Bezzina u lill- Kummissarju tal-Pulizija li huwa ma riedx li dan il-qlib isir apparti mill-fatt li Simonette Mulholland ma kienitx il-propjetarja assoluta tal-kumpless matrimonjali fl-Imtarfa. Dan wassal blex l-Isfidant talab il-Kummissarju tal-Pulizija biex jieħu passi kontra dawn il- ħames persuni.

Illi jekk jiġu eżaminati paġni 13 sa 15 tas-Sentenza odjernament appellata, wieħed mill- ewwel jara l-objettivi tal-Isfida x' kienu, anki jekk I-Ewwel Qorti żbaljat flangrantament id-data ta' meta tat direttiva lill-Isfidant biex jissottometti n-Nota indikata If effettivament giet intavolata nhar is-6 ta' Novembru 2023 u għaldaqstant kien żball tal-Ewwel Qorti meta fis-sentenza f'paġna 13, l-ewwel linja irreferiet għall-udjenza tal- 24 ta' Ottubru 2024, meta effettivament kellha tkun 1-24 ta' Ottubru 2023 kif jindikaw ampjament I-Atti Proċesswali, fil verbal ta' dik is-seduta fol 38 u 39.

Illi f′ pagna 15 il-Qorti tal-Magistrati ticcita verbatim I-Artikolu 541 (1) tal-Kodiċi Kriminali li jagħmilha cara dwar x inhu meħtieġ biex tiġi intavolata Sfida b' żewġ kelmiet importantissimi, u cioè ***prima facie*** li jekk jirriżultaw il-Qorti tal-Maġistrati mhux għandha imma obbligata li tilqa' t-Talba għall-Isfida a bażi tal-istess Artikolu hawn indikat. Dan l-Ewwel Qorti ma għamlitux għax ġiet żvijjata minn dubji infondati li seta' kien hemm materja ta' natura ċivili, meta dan qatt ma seta' kien il-każ għal min jifli sew kemm l-Atti Proċesswali fil-kawża ċivili kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-Isfidant dwar ir-reati kriminali tal-ħames akkużati.

Wieħed jifhem li l-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex għalfejn tindaga fl-Atti Proċesswali tal-kawża ta' Separazzjoni bejn l-Isfidant u l-ex mara tiegħu, imma wieħed jifhem ukoll Ii I-Ewwel Qorti kellha tiffoka fuq id-Dokumenti esibiti mill-Isfidant, id-depożizzjoni dettaljata tiegħu viva voce fl-udjenza tad-19 ta' Frar 2024 li kien fiha 41 paġna, u l-fatt li rriżultaw provi suffiċjenti w evidenti li l-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx għamel dmiru u stħarreġ l-ilmenti li ripetutivament għamillu I-Isfidant biex jittieħdu passi kontra l-ħames persuni akkużati. Lanqas biss kien hemm rikonoxximent wieħed da parti tal-Kummissarju II kien sejjer jieħu xi forma ta' procedura skond il-Kodici Kriminali għajr wara hafna tentattivi kuntatti mill-Assistent Kummissarju Stephen Gatt (illum irtirat) u s-Supretendent Maurice Curmi (illum Imkeċċi mill-Korp tal-Pulizija). Dan sar biss wara II "sparixxiet" mill-Korp I-Ispettur Stacey Attard/Gatt.

Dan kien il-parametru li fih l-Ewwel Qorti kellha tindaga w allura li ittellgħet I-Uffiċjal tal-Qorti Ms Marbeck Spiteri biex tippreżenta kopja tad-Digriet datat 17 ta' Settembru 2020 mill-Kawża quddiem il-Qorti tal-Familja, kien eżerċizzju fieragħ u irrelevanti għax dak id-Digriet, li diġa' kien esibit mill-Prosekuzzjoni, ma kellu ebda rilevanza dwar l- objettivi Il fuqhom l-Isfidant intavola l-Isfida tiegħu.

Dan kien it-TIENI AGGRAVJU.

It-TIELET AGGRAVJU jirrigwarda Il-fraiz importantissima *prima facie* u l-istess Qorti tal- Magistrati ghogobha f'pagna 15 tas-Sentenza Appellata tirreferi għall-Isfida fil-każ **Dr. Lynn Zahra vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija** tat-22 ta' Settembru 2015 (Magistrat Dr Aaron Bugeja, Illum Onorevoli Mhallef).

Eżami biss tad-Dokumentazzjoni kopjuża li ntavola I-Isfidant, apparti mid-depożizzjoni tiegħu kif hawn fuq indikata, kellha tkun suffiċjenti biex il-Qorti tal-Maġistrati tilqa' it- Taiba tal-Appellant u mhux kif għamlet I-Ewwel Qorti bl-iktar mod errartiku fid-Decide tagħha, f paġna 31 tas-Sentenza Appellata.

Il-Qorti tal-Maġistrati Irriproduciet minn paġna 15 sa paġna 17 tas-Sentenza Appellata studju, ricerka, analizi, u ġurisprudenza rilevanti dwar l-importatura legali u fattwali ta' din il-frazi *prima facie* fil-konfront ta' Talba għall-Isfida kontra l-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-frazi *prima facie* l-Ewwel Qorti xebhitha mal-frażi bil-Malti "*mal-ewwel daqqa t' ghajn*". Il-fatt hu li l-Qorti tal-Maġistrati marret oltre' "*mal-ewwel daqqa t' għajn*" u dan jidher bl-iktar mod kategoriku fid-Decide tal-Ewwel Qorti fejn marret oltre' il- gurisdizzjoni tagħha, ikkonvertiet lilha nnifisha f Investigatur, Prosekutur u Gudikant (haga li hija anatema fil-Liġi biex il-Ġustizzja tidher li mhux biss issehh, imma effetivament qegħda ssir) u per konsegwenza żelqet fil-konklużjoni tagħha kif id-Decide turi u tindika bl-iktar mod kategoriku.

Kieku I-Qorti tal-Maġistrati segwiet dak li inkiteb fis-Sentenza Appellata fil-paġni indikati fil-paragrafu precedenti, kieku l-Ewwel Qorti fis-Sentenza tagħha ma kienitx tixxivola kif effetivament għamlet meta harġet bl-iktar mod assolut mill-parametri tal-Gurisdizzjoni tagħha kif qed jigi indikat: ara per eżempju id-deċiżjoni mill-Qorti Kriminali Galea vs Kummissarju tal-Pulizija tad- 19 ta' Awwissu 2004 (pagna 17 tas-Sentenza citata) li forniet linja gwida li indikat fejn l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-ġurisdizzjoni li tiddeċiedi, linja gwida li l-istess Qorti tal-Maġistrati odjerna jidher li injorat għal kollox. Hawnhekk nirreferu għall-aħħar paragrafu f' paġna 17 tas-Sentenza Appellata w ir-referenza għal "grad tal-possibbli u dak tal-probabbli".

Minkejja li l-Qorti tal-Maġistrati fis-Sentenza Appellata kienet evidentament konxja biżżejjed mill-'Grad tal-*Prima Facie*', kif indikat fil-paragrafi immedjatament precedenti f'dan it-Tielet Aggravju, l-Ewwel Qorti deherilha li bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali keilha tieħu fuqha nnifisha 'il-kumplament tar-regoli ta' proċedura kriminal inkluż b'mod partikolari I-Liġi li tirregola l-evidenza. Dan skond I-Ewwel Qorti kien meħtieġ 'meta tiġi biex tqis Jekk hemmx lok *prima facie* għall-azzjoni kriminali', li ovvjament mhux korrett f każijiet fejn ikun hemm Sfida lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Fil-fehma umli tal-Esponenti Appellanti, hawnhekk l-Ewwel Qorti għamlet żball fatali għax assumiet rwol li kien konfliġġenti għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja f' każijiet bħal dawk ta' Sfida. L-Ewwel Qorti kellha tieqaf biss sal-livell tal-*prima facie* kif spjegat b' mod erudit u dettaljat fl-eżempji w Illustrazzjonijiet II irreferiet għalihom fis-Sentenza tagħha stess. L-Ewwel Qorti ma kellhiex tagħmel dak li tenniet fl-ewwel paragrafu, f paġna 18 tas-Sentenza Appellata.

Ir-riżultat kien deċiżjoni żbaljata li ppreġudikat serjament lill-Appellanti Sfidant, marret kontra l-prinċipji fundamentali li l-Ġustizzja mhux biss trid issir Imma tidher li qed issir, assumiet rwol li ma kienx Jispetta IIII-Qorti Ii qed teżamina kienx hemm lok prima facie Ii t-Talba għall-isfida tintlaqa', u dan billi għamlitha ta' Investigatur,

Prosekutur u Gudikant meta dan ma kienx Il-kompitu tal-Ewwel Qorti fil-libsa tagħha biex tevalwa klenx hemm lok jew le II I-Isfida tintlaqa'.

L-Ewwel Qorti ppruvat tagħmel analiżi tal-prinċipji legali u fatti abbinati ma din I-Isfida minn paġna 18 et sekwitur. Terġa tiżbalja l-Ewwel Qorti meta f' paġna 19 tindika l-isem Leanne Spiteri meta din kellha tkun Leanne Sultana. Dawn l-iżbalji, inkluż kuncetti żbaljati li l-Ewwel Qorti qegħda tirreferi għalihom, jissodaw Il-fehma tal-Isfidant li ma sarx approfondament biżżejjed dwar il-kriterji tal-prima facie li kellhom jintużaw għat- Talba għall-Isfida u kien hemm esplicitament aġir preġudikanti favorevoli għall-ħames akkużati anki jekk ma kienx intenzjonat: forsi l-fatt li kien hemm I-ARMS involuta, Istituzzjoni li għandha monopolju fil-pajjiż kontra r-regolamenti espliciti tal-Unjoni Ewropeja, setgħet b' xi mod influwenzat il-fehma, I-aġir u l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti anki jekk mhux intenzjonat?

Hawnhekk issir referenza għall-paġna 20 tas-Sentenza Appellata fejn l-Ewwel Qorti irriproduċiet id-depożizzjoni tal-Isfidant li ta' fl-udjenza tad-19 ta' Frar 2024. Fuq dawk il-fatti biss li huma dokumentati u ma humiex ikkontestati, I-Ewwel Qorti kellha bażi legali biżżejjed skond il-liġi biex tilqa' it-Talba tal-Isfidant għall-Isfida kontra I-Kummissarju tal-Pulizija. Dan I-Ewwel Qorti ma għamlitux għal raġunijiet legali u fattwali II ma humiex konvinċenti għar-raġunijiet le qed jingħataw f dawn l-Aggravji.

Jekk issir referenza għal dak li ddeponiet l-ex Spettur Stacey Attard, ix-xiehda ta' din il- persuna kienet konfużjoni kaotika li ma kien fiha ebda kredibilità il-għaliex il-verità hi li Stacey Attard bl-ebda mod ma ħadet dan il-każ b' manjera li kienet tirrispekkja l-istatus tagħha bħala Spettur fil-Korp tal-Pulizija, u cioè b' dedikazzjoni professjonali. Ippruvat titfa' l-ħtija kemm fuq l-Isfidant kif ukoll fuq l-avukat tiegħu biex tostor in-nuqqasijiet uffiċjali u professjonali tagħha li effettivament wasslu biex ġiet "mistiedna" titiaq mill-.Korp tal-Pulizija u marret sabet refuġju fil-gżira ta' Għawdex. Id-depożizzjoni tagħha f paġni 21 u 22 jippruvaw dan kollu.

Minn naħa l-oħra s-Supretendent Maurice Curmi (li illum ma għadux jifforma parti mill- Korp tal-Pulizija) iddepona kif elucidat f'paġni 22 u 23 tas-Sentenza Appellata. Sfortunatament ġew attribwiti dikjarazzjonijiet lill-ex Supretendent li huwa qatt ma tennihom. Dawn, fl-aħħar żewġ paragrafi f paġna 22. Ma huwa minnu xejn li l-isfidant kien abbanduna d-dar matrimonjali u jekk wieħed jifli d-diversi volumi tal-Kawża C.ivili dwar Firda Legali fejn imbagħad kien hemm il-konverżjoni għat-Talba għad-Divorzju konsentita mill-partijiet kontendenti, mill-ewwel jindovina li fl-ebda stadju ma l- Isfidant ma kien abbanduna d-dar matrimonjali.

Imbagħad kien hemm id-dikjarazzjoni li l-appartament matrimonjali u Konjugali kien tal-ex mara tal-Isfidant meta ampjament huwa ovvju li dan mhux il-każ. Hawnhekk nabbinaw mat-TIENI AGGRAVJU fejn ġie emfasizzat li l-Ewwel Qorti ġiet manipulata fis- sens li haltet ingredjenti ċivili fil-kawża ta' Separazzjoni ma ingredjenti kriminali li jirriżultaw fl-objettivi għala l-Isfidant għamel dawn il-proċeduri tal-Isfida.

Biss, minn dak li tenna l-ex Supretendent, jirriżulta ovvju li kien hemm raġunijiet legalment u fattwalment sostenibbli li ma kellhom iħallu ebda dubju li t-Talba għall-Isfida tal-Appellant kellha tintlaqa' skond il-liġi w a bażi tal-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali.

Jekk issir referenza għax-xhud Marbeck Spiteri, li tidher li issejħet fl-aħħar mumenti mill-Prosekuzzjoni, din ix-xhud ġiet mitluba biex tippreżenta kopja tar-Rikors minn Simonette Mulholland tas- 26 ta' Awwissu 2020, u dan għaliex il-Prosekuzzjoni kienet żbaljata fit-tagħrif li kisbet mill-aħħar Difensur tal-ex mara tal-Isfidant meta dawn iffukaw fuq dan ir-Rikors u d-Digriet tal-Ewwel Qorti tas- 17 ta' Settembru 2020, u ma tennew xejn li l-Isfidant kien ikkontesta kemm il-kontenut tar-Rikors kif ukoll tad-Digriet permezz ta' Rikors ieħor intavolat fit- 22 ta' Settembru 2020 peress illi l-Isfidant kien ġie notifikat nhar il-Ġimgħa 18 ta' Settembru 2020, imbagħad kien hemm is-Sibt u l-Ħadd, u t-Tnejn festa nazzjonali dik tal- 21 ta' Settembru 2020: dawn il-preċiżjonijiet fattwali jindikaw espressament kemm żbaljat l-Ewwel Qorti fil-

konklużjonijiet tagħha li il-każ ta' Sfida mressaq mill-Isfidant ma kienx wieħed ta' natura kriminali imma wieħed li kien jappartjeni lill-Qorti Civili.

L-Isfidant fisser car anki f' dan ir-Rikors li l-Kawża Civili ma kellha x' taqsam xejn mal-akkużi kriminali li ssottometta kontra l-ħames akkużati. F' kull każ il-Qorti tal-Maġistrati kellha tiffoka biss kienx hemm materja li l-Isfida tintlaqa' u mhux tidħol fil-mertu tal- akkużi li l-Isfidant ried iressaq kontra l-ħames akkużati kif diġa' ġie spjegat.

Illi anki jekk nirreferu għat-Trattazzjoni orali tal-Ispettur Roderick Attard, din tirreferi għal darb' oħra għall-ineżattezza li ġiet fornuta lill-Ispettur apparentement mill-avukat Chris Frendo fejn saret emfasi fuq il-kawża tas-Separazzjoni quddiem il-Qorti Civili: Sezzjoni tal-Familja li s-Sentenza definita dwarha ingħatat propju mill-Qorti tal-Appell (Ritrattazzjoni) f' jum il-Ħamis, 26 ta' Ġunju 2025, propju fil-jum li qed jiġi ntavolat dan l-Appell. Huwa kkontestat għal kollox li ngħata xi parir mill-Avukat Ġenerali billi ma ġiet indikata ebda farka ta' evidenza li kien hemm tali parir. Il-parir ingħata biss mill-avukat Chris Frendo, li huwa l-ħames avukat ta' Simonette Mulholland u wieħed mill-ħames akkużati indikati mill-Isfidant, li ġie ikkonsultat mill-Ispettur Roderick Attard li mgħobbi kif inhu bix-xogħol li għandu fir-Reġjun ta' Paceville, "bela' din is-sunnara" u rrigorġita' sitwazzjoni ta' fatti li ma kellha x' taqsam xejn mar-raġunijiet legali li wasslu biex l- Isfidant jissottometti l-Isfida odjerna. Dan apparti mill-fatt li tmur kontra l-etika u l-aġir professjonali II wieħed mill-akkużati, I-avukat Chris Frendo, ex Uffiċjal huwa nnifsu fil- Korp tal-Pulizija [kif inhuma numru ta' avukati li jaħdmu fil-kriminal imma li qabel kienu jappartjenu lill-Korp tal-Pulizija), li bħala akkużat apparti l-avukat tal-ex mara tal- Isfidant ukoll akkużata, jagħmel xi forma ta' kuntatt, diretta jew indiretta, implicita jew espilċita, mal-Prosekuzzjoni f dan Il-Każ tal-Isfida.

Dan huwa t-TIELET AGGRAVJU.

IR-RABA' AGGRAVJU jirrigwarda Il-fatt li l-istess Qorti tal-Maġistrati kif ippreseduta tidher li żvijjat lilha nnifisha totalment mhux biss biili ġiet manipulata mill-

Prosekuzzjoni li fiha nnifisha giet miżgwidata minn naħa tal-akkużati kif ġie mfisser, imma wkoll kif ġie spjegat aktar il-fuq mill-fatt li l-Ewwel Qorti deherilha u hasset li għandha tmur oltre l-parametri gurisdizzjonali tagħha dwar jekk kienx hemm bażi legali Il tintiaqa' din l-Isfida jew le.

L-Ewwel Qorti għamlet referenza għad-Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Adrian Busietta vs. l-Avukat Ġenerali et** deċiża nhar it-13 ta' Marzu 2006. In fatti din ir-referenza tal-Ewwel Qorti f' pagni 26 u 27 tas-Sentenza li qed tiġi Appellata turi biċ-ċar fejn kellha tasal I-Ewwel Qorti u mhux indagat jekk l-akkużi li l-Isfidant ried iressaq kontra l-hames akkużati b' referenzi speċifiċi ghal diversi Artikoli u Taqsimiet fil-Kodici Kriminali kienux ġustifikati jew le!

Dan kien żball fatali tal-Ewwel Qorti li wassal għad-Decide skorretta tagħha li ppreġudikat serjament lill-Isfidant fejn allura kien kostrett li jintavola dan l-Appell fit-Termini Legali Ii fih seta' jiġi intavolat I-Appell, u cioè sal-Ħamis, 26 ta' Ġunju 2025.

Interessanti li nsaħħu din it-teżi anki mill-aħħar paragrafu tad-diversi konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati f'paġna 27 tas-Sentenza Appellata: minn fejn irriżulta lill-Ewwel Qorti li kien ittieħed xi parir mill-Avukat Ġenerali? Minn fejn irriżulta lill-Ewwel Qorti li "*ma rriżultax li hemm bażi sabiex jittieħdu passi kriminali skond kif talab l-Isfidant kontra l-hames persuni indikati minnu*"? Dawn kienu konklużjonijiet fiergħa u bla ebda bażi legali u fattwali li waslet għalihom l-Ewwel Qorti mingħajr ebda sostenibbiltà fihom. Għalhekk dawn il-konklużjonijiet erratiċi tal-Ewwel Qorti għandhom jiġu skartati.

Illi jekk nirreferu għall-ewwel paragrafu f'pagna 28 tas-Sentenza Appellata: ripetutivament anki f' dan l-istess Rikors tal-Appell odjen, I-Isfidant fisser u spjega bl-Iktar mod dettaljat II I-Proċeduri Ċivili fir-rigward tal-ex mara tiegħu qatt ma kienu Il- bażi għall-Isfida li huwa ghamel u r-referenza għal foljo 492 et sequitur hija waħda banali w illoġika konsiderando illi d-dokumentazzjoni u l-ispjegazzjoni li għamel I-Isfidant kienet eżawrienti biżżejjed biex il-Prosekuzzjoni (li ma ħadet ebda parir legali

mill-Avukat Ġenerali mhux kif qed jiġi dellberatament mitqal) u iktar u iktar il-Qorti kif ippresedut jifhmu li dan kien argument intiż biss biex jiżvija mill-verità ħalli l-Ewwel Qorti jkollha t-triq legali imwittija biex tirrifjuta l-Isfida ta' Patrick Mulholland.

Illi t-tieni paragrafu f' paġna 28 tas-Sentenza Appellata għandu jiġi għal kollox skartat għax il-Qorti tal-Maġistrati qatt ma daħlet u ma rieditx tidħol fil-Kawża personali ta' Patrick Mulholland vs l-ex mara tiegħu, Imma invece f dan il-paragrafu I-Ewwel Qorti dahlet mingħajr ma kellha ħjiel tal-kuntest fil-Kawża Civili li hija kienet qegħda tincita: allura mhux applikabbli għall-iskopijiet tal-Isfida li talab l-Appellant.

Illi l-aħħar paragrafu f paġna 28 tas-Sentenza Appellata jirrispekja dak li intqal fil-paragrafu precedenti, huwa invertjer, min kitbu mhux intiź mil-fatti u jerġa' jiġi ripetut li ma għandu x' jaqsam xejn mar-raġunijiet legali u fattwali li għalihom saret I-Isfida, kif min jindenja ruħu jaqra u jifli dak li tenna l-Isfidant, kif l-Isfidant ukoll spjega fil-korp ta' dan ir-Rikors tal-Appell odjern, mill-ewwel suppost jifhem.

F'dan il-każ I-Ewwel Qorti sfortunatament tidher li ma daħlitx fir- raison d'être ta' dan il-każ, assumiet rwol Ġudizzjarju li ma kienx il-kompetenza tagħha li tassumi, u kien hemm Prosekuzzjoni li ġiet mitmugha b' fatti skorretti tas-sitwazzjoni u minflok il-Prosekuzzjoni arblithom biex tara u tassigura lilha nnifisha li kienu vero u simili, waqgħet fin-nasba li biex tfittex tehles minn dan il-każ inkwadratu fuq il-Kawża Civili ta' bejn l-ex konjugi Mulholland. B'hekk wasalna għall-inġustizzja mingħajr ebda bażi legali li l-Isfida ġġiet michuda.

IIli filli I-Qorti tal-Maġistrati ittenni li hija ma tridx tidħol fil-mertu tal-Kawża Civili u filli, kif naraw u nagraw f'paġna 29 u 30 tas-Sentenza Appellata, I-Ewwel Qorti dahlet fil- mertu ta' dik il-Kawża Civili w irreferiet b' mod ineżatt għal ċertu fatti mingħajr ma qalet dak li ġie imfisser aktar il-fuq (ara paragrafu 6) f' dan ir-Rikors tal-Appell.

Dan ifisser li l-kummenti tal-Ewwel Qorti li wassluha għall-konklużjonijiet qabel tagħti d-Deċide, bħal ma hemm f'pagna 30 tas-Sentenza Appellata, huma kollha żbaljati, in vero simili u għandhom jiġu skartati.

Kwindi d-Decide tal-Ewwel Qorti tmur kontra l-elementi Legali li l-Qorti tal-Maġistrati kellha tqis biex tiddetermina jekk tintlaqax l-Isfida jew le. Għaldaqstant id-Decide tal- Ewwel Qorti għandha titqies bħala nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli.

Dan kien ir-RABA' AGGRAVJU.

Illi fl-inkwadratura ta' dawn il-Fatti fil-Qosor u dawn l-Erbgħa Aggravji bħala r-raġunijiet tal-Appell, I-Isfidant jirreferi għall-Artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u sejjer jgħaddi biex jagħmel it-Talba tiegħu għat-taħsir tas-Sentenza Appellata li ingħatat f Awla 25 nhar it-Tlieta 10 ta' Ġunju 2025.

Rat id-digriet taghha datat it-30 ta' Gunju, 2025 fejn appuntat r-rikors ghas-smiegh ghal nhar l-1 ta' Lulju, 2025.

Semghet l-partijiet, fejn Dr Joseph Camilleri Azarov ghall-Avukat Generali issoleva eccezzjoni preliminari rigward l-appell inniffsu.

**Ikkunsidrat**,

Illi l-Avukat Generali tenna illi l-Artikolu 541(3) tal-Kodici Kriminali jirregola c-*challenge* u l-appell. Huwa sostna illi dan it-tip t' appell ghandu jigi ntavolat quddiem il-Qorti Kriminali u mhux quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kif ghamel l-isfidant. In oltre, it-talba ghandha ssir b'rikors u mhux b' appell, li irid jigi pprezentat fi zmien sebat ijiem u fil-kaz odjern ghaddew kwazi tlett gimghat. Ghaldaqstant l-Avukat Generali sahaq illi r-rikors huwa irrittu w null.

L-isfidant permezz tal-avukat tieghu jghid illi l-granet tal-appell huma ta' tnax-il (12) gurnata tax-xoghol u ghalhekk l-eccezzjoni li qed iressaq l-Avukat Generali ma ghandha l-ebda validita'.

Illi l-Artikolu 541(3) tal-Kodici Kriminali huwa car u jipprovdi s-segwenti:

> *'Kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li tippermetti, għal kollox jew biss f'parti, rikors taħt is-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali, flimkien mal-atti tal-kawża, fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni u l-Avukat Ġenerali jista' fi żmien sebat ijiem tax-xogħol minn notifika jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali għat-tħassir jew bdil tad-deċiżjoni.* ***Ir-rikorrent jista' wkoll jagħmel rikors bħal dak fil-Qorti Kriminali fi żmien sebat ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati*** *li biha ma jkunx intlaqa' r-rikors, sew għal kollox sew biss f'parti minnu. Rikors fil-Qorti Kriminali taħt dan is-subartikolu għandu jkollu effett ta' waqfien ta' esekuzzjoni tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati.'*

Illi jirrizulta illi r-rikors tal-isfidant sar quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u mhux quddiem il-Qorti Kriminali kif trid il-ligi. In oltre, jigi nnutat ukoll illi l-ewwel qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha nhar l-10 ta' Gunju, 2025, filwaqt li r-rikors tal-isfidant gie ntavolat nhar is-26 ta' Gunju, 2025 u ghalhekk tnax (12)-il jum tax-xoghol wara.

Ghaldaqstant, jirrizulta b'mod car illi mhux biss ir-rikors ma giex intavolat quddiem il-Qorti t-tajba, izda gie ntavolat ukoll *fuori termine* skond l-Artikolu 541(3) sucitat.

In vista ta' dak kollu ritenut *supra*, din il-Qorti ma ghandiex ghazla ohra hlief li tilqa' l-eccezzjoni hekk kif imressqa mill-Avukat Generali u tiddikjara r-rikors tal-isfidant irritu w null.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

Maria Grech
Deputat Registratur